IL-FOLJU

GHAQDA STORIKA KULTURALI MARSA

c/o 'Sidmar', 115, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa. MRS 2257. VO | 0665 News Letter

Tel.: 21220124 Mob.: 99497049

Harġa Numru: 72 email: mario.j.grech@gmail.com MEJJU - AWWISSU 2025

MEMBRI MILL-GHAQDA TAGHNA JAGHTU TAGHRIF FUQ IL-MARSA

Mill-Bord

Jl-kap tal-Iskola San Ġorġ Preca College Marsa Primary School talab lill-Għaqda tagħna biex membri tal-istess Għaqda jagħtu informazzjoni fuq il-lokalità tal-Marsa fl-okkażjoni ta' 'Jum il-Marsa', nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2025. Bla dubju l-Għaqda tat il-kontribut tagħha fejn s-sur Paul Dimech (P.R.O.) u s-sinjorina Louise Vella (Arkivista) żaru l-iskola u ltaqgħu mal-istudenti fis-sala prinċipali tal-iskola. F'din il-laqgħa s-sur Paul Dimech tkellem dwar il-Marsa u l-postijiet interessanti li nsibu fiha. It-tfal urew interess u bdew ukoll jistaqsu mistoqsijiet interessanti dwar il-Marsa. L-Għaqda tixtieq tirringrazzja lill-Kap tal-iskola u lill-għalliema kollha ta' din l-opportunità fejn stajna naqsmu informazzjoni dwar il-Marsa u dwar ix-xogħol tal-Għaqda mal-ġenerazzjoni li jmiss ta' Marsin. Is-sur Paul Dimech u s-sinjorina Louise Vella spiċċaw din il-laqgħa billi t-tfal kollha preżenti b'vuċi waħda għajtu l-għajta ta' 'Viva l-Marsa' li dwiet mas-sala tal-iskola! Ⓕ

> "Hadna gost nisimgħu l-għajta Viva l-Marsa"

Il-Kumitat għas-sena 2025

Mill-Bord

Wara s-Seduta Ġenerali, li saret nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2025, il-kumitat reġa' ltaqà għall-ewwel seduta tal-kumitat għas-sena l-ġdida 2025. Din is-seduta saret nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2025, fiċ-Ċentru San Piju X, fejn ġie ffurmat kumitat ġdid għas-sena 2025.

Il-Kumitat għas-sena 2025 huwa dan:

President:
Is-sur Raymond Montebello

Viċi President:
Is-sinjorina Mary Attard

Segretarju:
Is-sur Andrew Grech

Kaxxier:
Is-sur Ryan Buhagiar

Assistant Kaxxier:
Is-sinjura Maria Buhagiar

P.R.O.
Is-sur Paul Dimech

Arkivista:
Is-sinjorina Louise Vella

Koordinatur mal-Parroċċi:
Is-sinjura Mary Mizzi

Membri:
Is-sur Wistin Aquilina
Is-sur Alfred Ebejer
Is-sur Joseph Spiteri

Il-President, is-Sur Raymond Montebello rringrazzja lill-membri kollha tal-kumitat il-ġdid li aċċettaw il-kariga li ngħataw.

Is-Seduta Ġenerali għas-sena 2025

Mill-Bord

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa, bħal kull sena laqqgħet lill-membri tagħha għas-Seduta Ġenerali għas-sena 2025. Din saret nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2025 fiċ-Ċentru San Piju X. Il-laqgħa bdiet billi s-segretarju qara r-rapport Amministrattiv għas-sena 2024. Fin-nuqqas tal-kaxxier, il-president qal li fl-2024 l-Għaqda għamlet bilanċ ta' €517.56. Nominazzjonijiet għall-kumitat 2025 kellna 11-il nomina. Il-president tkellem fuq il-problema li teżisti fil-Kunsill Lokali, bejn is-Sindku u l-kunsillieri li sfortunatament hemm apatija kbira fost il-kunsillieri. Huwa qal li stampa ta' dan hija l-organizazzjoni għal Jum il-Marsa 2025, fejn wara ħafna żmien mitluf intgħażlet l-istess ġurnata mall-konsagrazzjoni tal-Knisja ta' Marija Reġina dik tat-2 ta' Frar 2025. Nominazzjonijiet għall-kumitat 2025 kellna 11-il membru. Is-sur Joe Galea ssuġerixxa li l-Għaqda tagħna niġbor il-laqmijiet u t-tifsir tagħhom li kien hawn jew li hawn fil-Marsa. Is-sinjorina Louise Vella qalet li l-Għaqda għandha diversi laqmijiet li kienu jeżistu fil-Marsa, pero' m'għandhiex informazzjoni fuqhom. Il-president qal li l-Għaqda tagħna nnominat lill-Kappillan Fr. Domnic Mangani o.f.m. Cap. lill-Kunsill Lokali biex jingħata 'Ġieħ il-Marsa' f'Jum il-Marsa, nhar il-Ħadd 2 ta' Frar 2025. Is-sur Frans Attard ippreżenta lill-Għaqda tagħna diversi oġġetti u ritratti antiki għall-arkivju Marsi.

L-Għaqda tagħna tieħu sehem f'Jum il-Marsa

Mill-Bord

Bħal kull sena l-Kunsill Lokali tal-Marsa fakkar Jum il-Marsa li propjament jiġi ċċelebrat nhar is-17 ta' Jannar ta' kull sena, iżda minħabba ċirkustanzi li jafhom il-Kunsill din ġiet iċċelebbrata nhar il-Ħadd 2 ta' Frar 2025. Din is-sena l-Għaqda tagħna tellgħet wirja żgħira ta' ritratti antiki tal-Marsa fil-binja tal-Kunsill Lokali. Bħalma nafu mill-istorja f'dan il-jum tas-17 ta' Jannar infakkru Jum il-Marsa peress li f'dawk id-dati imsemmija kienu nfdew l-artijiet fewdali li kellha l-Marsa mill-Gran Mastru La Cassière fl-1581. Din l-attività bdiet b'quddiesa ta' radd il-ħajr għall-okkażjoni biex imbagħad wara sar marċ u sfilata mill-Marsa Scout Group fit-toroq tal-Marsa. Il-programm kompla fis-sede tal-Kunsill Lokali fejn inqraw diversi poeżiji bit-tema tal-Marsa mis-sur Raymond Montebello il-President tal-Għaqda u s-sur Louis Attard, membru tal-Għaqda tagħna, flimkien ma' tagħrif interessanti fuq l-istorja tal-Marsa mill-bravu s-sur Paul Dimech il-P.R.O. tal-Għaqda tagħna. Bħalma jagħmel kull sena l-Kunsill Lokali f'din l-okkażjoni jagħti rikonexximent lil tant Marsin li taw kontribut fil-qasam tal-Marsa. Barra dawn ir-rikonexximenti ngħata wkoll 'Ġieħ il-Marsa'. Din is-sena dan l-unur ingħata lill-Kappillan tal-Parroċċa tas-Ssma. Trinità, Patri Dominic Mangani O.F.M. Cap. li serva għal ħafna żmien fiż-żewġ Parroċċi fil-Marsa. Ta' min jgħid li kienet l-Għaqda Storika Kulturali Marsa li nnominat lill-Kappillan Patri Dominic Mangani O.F.M. Cap. għall-ħidma li għamel u li qed jagħmel fil-Parroċċa tagħna.

Is-sur Raymond Montebello

Is-sur Paul Dimech

"Barra li nqraw poeżiji, l-Għaqda tellgħet wirja"

Il-wirja ta' ritratti fuq il-Marsa intella' mill-Għaqda tagħna.

Is-Sindku s-sur Luke Farrugia jippreżenta 'Ġieħ il-Marsa' lill-Kappillan

TENTUFIET mill-ISTORJA ta' MALTA

- Il-Libertà tal-Istampa u Ġrajjiet oħra -

Minn Dr. Saviour Pisani

Napuljun wasal Malta fl-1798 u l-Kavallieri tkeċċew 'l barra. Il-Franċiżi ġew bl-idejat ta' Libertà, Fraternità u li kulħadd ugwali, iġifieri l-kbarat ta' Malta kellhom jaħarqu t-titli ta' Nobiltà li kellhom u bdiet tiġi stampata l-gazzetta tal-gvern ukoll. Iżda malajr beda l-inkwiet għax is-suldati riedu jitħallsu u bdew jisirqu kulma jaraw. Xi tliet xhur wara l-wasla ta' Napuljun f'Malta l-flotta Franċiża

Napuljun jasal Malta.

ġiet meqruda minn Nelson fil-Battalja ta' Aboukir u b'hekk il-Maltin għarfu li l-Franċiżi kienu tilfu l-ħakma tagħhom fuq il-baħar u l-armata kollha tagħhom issa nqabdet fl-Eġittu bla ma jistgħu jaslu l-għajnuniet meħtieġa minn Franza. Hawn bdew jinsterqu l-affarijiet prezzjużi mill-Knisja tal-Karmelitani fl-Imdina. Uffiċjal arroganti u kiesaħ Franċiż ġie maqtul minn folla mgħaddba u beda l-inblokk li dam sejjer sentejn bil-flotta Ingliża u Portugiża jgħassu l-baħar ta' madwar Malta, sakemm fl-aħħar il-Franċiżi ċedew u telqu 'l barra u b'hekk daħlu l-Ingliżi. Wara li l-Maltin urew ix-xewqa

L-irvellijiet kontra l-Franċiżi fl-Imdina.

tagħhom li jingħaqdu fl-Imperu Ingliż. Xhieda ta' dan hija kitba li hemm quddiem il-palazz il-Belt Valletta. Fl-ewwel għaxar snin tal-ħakma Ingliża l-qagħda ta' Malta taħt l-Ingliżi ma kinietx ħażina ħafna. Il-gwerer ta' Napuljun kienu għadhom sejrin bil-bastimenti deħlin u ħerġin fil-portijiet tagħna u kien hawn xogħol għal kull min ried jaħdem. Iżda taħt il-gvernatur Sir Hildebrand Oakes fl-1813 tfaċċat il-pesta f'Malta u din qerdet il-kummerċ kollu u tfaċċa l-faqar u l-għaks. Sir Hildebrand Oakes għajja u warajh wasal fl-1814, Sir Thomas Maitland li rnexxilu jeqred il-mixja tal-pesta f'Malta. Iżda l-gwerer ta' Napuljun kienu waslu biex jintemmu u bejn li l-bastimenti tat-tagħbija beżgħu jersqu lejn Malta minħabba l-pesta u bejn li l-gwerer spiċċaw waqa' għaks kbir f'dawn il-gżejjer, li nistgħu ngħidu li l-qagħda baqgħet hekk sal-1854 meta bdiet il-gwerra tal-Krimea. Il-battalja ta' Waterloo fl-1815 ġabet fi tmiemha s-saltna ta' Napuljun li spiċċa eżiljat fil-gżira ta' Sant' Elena fl-Atlantiku t'isfel biex ma jaqlagħx inkwiet aktar u l-kbarat tal-Ewropa ltaqgħu fi Vienna fejn iddeċidew kif se jaqsmu l-Ewropa. Malta u l-gżejjer Ijoniċi fosthom Corfù marru għall-Ingilterra, il-Polonja marret għar-Russja taħt il-Kżar, il-Papa raġa ħa postu, in-naħa ta' fuq tal-Italja marret għall-Awstrijaċi u Sardegna ħadet Genova u Nizza u nħolqot is-Saltna tad-Due Sicilie bir-Re Ferdinandu I.

ikompli fil-ħarġa li jmiss.

L-imperu Ingliż jieħu t-tmexxija ta' Malta.

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tagħti ġieħ lill-Marsin għall-Hidma fil-Komunita'

Mill-Bord

Jis-sur Lizio Vella huwa wieħed minn dawk il-Marsin li wiret l-imħabba lejn il-Marsa u ta' ġo fiha mill-familja, kemm fil-qasam sportiv u kemm dak kulturali, bħar-Regatta, Scouts u l-festa. Iben il-familja Vella u Cilia, Lizio trabba f'ambjent fejn il-Marsa dejjem ingħatat importanza u mħabba, b'bosta familjari tiegħu jagħtu ħinhom volontarjament sabiex jitwettqu proġetti u attivitajiet favur il-Marsa. Lil Lizio nsibuh għal ħafna snin fil-kumitat tal-Marsa FC, kemm fis-suċċess u kemm fid-dulur. Hawn joħroġ il-veru karattru tas-Sur Lizio Vella, li għalkemm feraħ bis-suċċessi, ma ħarabx u ma tax dahru lit-tim tal-Marsa F.C. meta dan kien fl-agunija. "Lill-marid trid turih iżjed rispett" kien dejjem il-motto tiegħu. Lizio rabba familja ta' tlett ulied li wkoll dewwaqha t-togħmiet tal-Marsa u ta' madwarha, speċjalment lil bintu l-arkivista tagħna Louise, li qed tgħin sabiex twettaq il-ħolma tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa, dik li jsir Arkivju Marsi. Ibnu Elland kien plejer mal-Marsa F.C. għal bosta snin u ġab unuri għat-tim Marsi tul il-karriera tal-futbol tiegħu. Ma kienx ikun hekk kieku mid-dar Lizio ma kellux il-fjamma dejjem tixgħel aħmar u blu, u biha żewwaq ukoll lil uliedu. Lil Lizio nafuh ukoll bħala bniedem intelliġenti fejn jidħlu l-kwiżis, fil-fatt ħa sehem f'bosta kwiżis fuq it-televixin Malti.

Il-president jippreżenta Ġieħ l-Għaqda lis-sur Lizio Vella.

F'dan il-kuntest jispikka ħafna t-tagħrif ġenerali u storiku tiegħu. Għamlilna ġieħ kbir bħala Marsin meta s-sena l-oħra rebaħ premju tal-ewwel post fil-kwalifiki għall-finali tal-kwiżż Moħħok Hemm, premju li tant kien jistħoqqlu. F

L-Għaqda tkompli tikseb u terfa' kull informazzjoni u materjal għall-Arkivju Marsi.

Mill-Bord

Bħalma tafu l-Għaqda tagħna qiegħda tiġbor materjal u informazzjoni fuq il-Marsa biex 'il quddiem isir arkivju Marsi. Ir-rispons tan-nies kien tajjeb ħafna kemm fil-ġbir tal-materjal li tawna u anke fil-wirja li l-Għaqda organizzat dwar il-Marsa matul iż-żminijiet. Bla dubju biex terfa dan il-materjal trid l-ispazju. Grazzi għall-arkivista s-sinjorina Louise Vella u għas-sur Paul Dimech li qed jaħdmu biex dan il-materjal jiġi merfugħ. L-għaqda bil-ħsieb li fil-futur qarib terġa torganizza wirja oħra dwar il-Marsa. Għalhekk kull min għandu xi ritratti antiki tal-Marsa javviċinana. Grazzi. F

Ritratti Antiki bi Storja

Minn Frans A. Attard

Dawn iż-żewġ ritratti ttieħdu fl-Iskola tal-Marsa, fi Triq Balbi, fis-sena 1947. Fl-ewwel ritratt, ta' taħt (fejn hemm ukoll l-għalliema) hemm oħti Matilde, Alla jaħfrilha biċ-ċoff, fit-tieni filliera, it-tielet mil-lemin. Fit-tieni ritratt hemm oħti Mary (biċ-ċoff ukoll) l-ewwel mix-xellug fit-tieni filliera. Ninnutaw diversi affarijiet. L-ewwelnett dawn ir-ritratti mhux bil-kulur, li kien in-normal għax ritratti bil-kulur kienu għadhom fil-bidu f'Malta. Niftakru li dawn kienu ftit snin wara li spiċċat il-gwerra dinjija. Interessanti li ninnutaw ukoll is-sistema li kien juża il-fotografu. Kien jarma il-kamera pjuttost goffa fi klassi waħda. Imbagħad kienu jmorru klassi tat-tfal, waħda wara l-oħra. Mela dawn iż-żewġ ritratti ttieħdu fl-istess jum fl-istess klassi, biss bi tfal differenti. B'hekk il-fotografu kien jiffranka ħafna ħin u ġiri. Il-bankijiet tal-iskejjel kienu twal u tal-injam. Fuq quddiem fil-post tal-għalliema jidher ftit il-klamar tal-linka li kien jidħol f'toqba apposta. Dan kien jintela' kuljum bil-linka. Fit-tieni ritratt *Standard IV*, it-tfal jidhru bit-tokka li kienu jbillu fil-linka biex jiktbu. Bejn ħuti Matilde u Mary hemm differenza ta' erba' snin. L-ewwel ritratt hu tal-klassi *stage 2* tal-*infants* (illum *kinder 2*) u

l-ieħor *Standard IV* (illum is-sitt sena). Innutaw li fl-*infants* kienu subien u bniet flimkien u *Standard IV* bniet biss. In-numru ta' tfal iż-żgħar kien ta' xi erbgħin fi klassi waħda. Waqt li l-bniet akbar, kienu fi klassi ta' xi tnejn u għoxrin. Kurżità oħra hi, ċ-ċfuf kbar li kellhom il-bniet. Għalkemm kien ftit wara l-gwerra, it-tfal kollha huma libsin l-uniformi pulita. L-inkwatru tad-Duluri li hemm imdendel mal-ħajt, għandu storja oħra. Żmien wara dawn ir-ritratti , oħti Mary kienet is-Sinjora (*head mistress*) tal-istess skola! Dan l-inkwatru ma kienx fil-klassi fejn kienet tiftakru hi. Wara li fittxet u staqsiet, sabuh imwarrab fil-kamra tal-imbarazz! Naturalment ma ħallietux hemm!

Minn Andrew Grech

Mimdudin:

1. **u 3.** Għodda tal-landier. (8)
3. **ara 1.**
8. Marda li fl-1813 qatlet ħafna Maltin. (5)
9. Il-plural ta' 15 mimdudin. (5)
10. Kwartieri ġenerali ta' armata fil-gwerra. (4)
11. Fwar li kienu jħaddmu l-vapur bih. (4)
12. Tiċpis. Tiżliġ. Riħ isfel. (4)
15. Wieħed li sofra ħafna. (4)
19. Hekk ngħidu lil dik il-persuna li tagħmel dak li għandha f'moħħha. Dak ..... ! (5)
20. Dawn neqsin mis-smigħ. (5)
21. Hekk għamilt bil-ħabel. (4)
22. Qies mitt darba u .... darba! (4)

GĦ u **IE** f'kaxxa waħda.

Weqfin:

1. **u 17.** Kap, bħal dak tal-M.U.S.E.U.M. (8)
2. Min ikun irqiq ngħidulu: "Qisek ..... ta' xkupa" (5)
4. Terfa' l-ħwejjeġ bil-pulit. (5)
5. **u 18.** Kienu qajmu waħda l-Maltin kontra l-Franċiżi. (8)
6. **u 14.** Fundamentali. Mill-qiegħ. (8)
7. Dawn inxedduh fuqna qabel ma' noħorġu mid-dar. (4)
13. Temm dak kollu li kellu jagħmel. (5)
14. **ara 6.**
15. Mhux ħalib tal-kartuna. (4)
16. Dawn ikunu mimlijin bit-traffiku. (5)
17. **ara 1.**
18. **ara 5.**





LABIRINT

Ara ssibx tarf ta' dan il-labirint.

SUDOKU

Daħħal fil-kaxxi vojta ta' kull ringiela, ta' kull kolonna u ta' kull kwadru żgħir, in-numri nieqsa.

	3			1			6	
7	5			3			4	8
		6	9	8	4	3		
		3				8		
9	1	2				6	7	4
		4				5		
		1	6	7	5	2		
6	8			9			1	5
	9			4			3	

ĊAJT



INFORMAZZJONI U AVVIŻI MILL-GĦAQDA

website: https://ghaqdastorikakultu.wixsite.com/mysite-1 sibuna fuq facebook

Nixtiequ nfakkru u niġbdu l-attenzjoni ta' xi wħud mill-membri li għadhom ma ħallsux il-ħlas Annwali ta' din is-sena 2025, tal-2024 u anki tas-snin l-imgħoddija. **Infakkru li jekk membru ma jħallasx għal tliet snin wara xulxin jiġi meqjus mhux membru tal-Għaqda**. Infakkru wkoll li l-ħlas huwa ta' **€5** fis-sena u hija l-uniku riżors ta' flus li ddaħħal l-Għaqda. Il-ħlas Annwali jista' jsir billi jew tibagħtuha bil-posta lis-segretarju **ANDREW GRECH, 'SIDMAR', 115, TRIQ STIEFNU ZERAFA, MARSA (99497049)**. Nirringrazzjawkom ħafna tal-kooperazzjoni tagħkom. F

L-Għaqda Storika Kulturali Marsa tixtieq tavża li mis-sena 2023 ir-rivista 'Il-Folju' qed ikun *online*. Min jixtieq jibqa' jirċievi din ir-rivista bħas-snin ta' qabel għandu jkun regolari fil-ħlas Annwali u jinfurmana fuq 99497049.

Il-kumitat jixtieq javża wkoll li r-rivista 'Il-Folju' tkun tista' tarah fuq il-paġna ta' *facebook* jew fuq https://issuu.com/ghaqdastorikaukulturalimarsa/docs/folju_jannar_-_april_2025. Grazzi.

Jl-bord ta' 'Il-Folju' jixtieq jirringrazzja lis-sur Mario Grech għax-xogħol li qed jagħmel f'din ir-rivista. Huwa qed jagħmel *proof reading* tal-Malti tal-artikli li jkunu qed jidhru fuq 'il-Folju' biex kemm jista' jkun il-grammatika fil-lingwa tagħna tkun tajba. F

Jl-kumitat tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa ġie mistieden u attenda għal żewġ attivitajiet li ttellgħu fil-Parroċċa ta' Marija Reġina għal żmien ir-Randan. L-ewwel attività kien Kunċert Bibliku mtellà mill-Kor Parrokkjali Reġina Coeli, bl-isem ta' Ikun Li Trid Int, nhar is-Sibt 5 ta' April 2025, fil-Knisja Parrokkjali. Membri tal-kumitat attendew ukoll għall-ftuħ tal-wirja artisitka bl-isem ta' Creatio, xogħol bil-melħ ikkulurit. Bħal kull sena din il-wirja ġiet imtellà mill-Pageant Group Marija Reġina. Il-qofol ta' dan kollu huwa li f'Ħadd il-Palm ħarġet il-purċissjoni tradizzjonali tal-Ġimgħa il-Kbira fejn daret mat-toroq tal-Marsa. Bla dubju dawn l-attivitajiet jagħmlu ġieħ lil-lokalità tagħna. F

L-GĦAQDA STORIKA KULTURALI MARSA TAWGURA L-FESTA T-TAJBA LILL-MARSIN KOLLHA